Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

**AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA**

17 ta' Awwissu 2026

# Reviżjoni tal-Kontijiet Nazzjonali u l-Bilanċ tal-Pagamenti: Awwissu 2026

Fis-27 ta' Awwissu 2026, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) sa joħroġ statistika riveduta dwar il-Kontijiet Nazzjonali flimkien mal-istimi tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għat-tieni kwart tal-2026. Reviżjoni separata għall-istatistika tat-Tranżazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali (IEFT) sa toħroġ fl-istqarrija tal-aħbarijiet skedata għall-1 ta' Ottubru 2026.

Ir-reviżjonijiet tal-Kontijiet Nazzjonali jagħmlu sehem minn ċiklu regolari ta' reviżjonijiet tad-data fi ħdan is-Sistema tal-Istatistika Ewropea u jirriflettu d-data ġdida li jkun hemm, is-sorsi mtejba tad-data u t-titjib fil-metodoloġija.

Ir-reviżjonijiet fil-Kontijiet Nazzjonali jinkludu:

- L-integrazzjoni tat-Tabelli tal-Provvista u l-Użu (SUTs) tal-2021 u l-2022. Il-qafas tal-SUT isaħħaħ il-konsistenza u l-kompletezza tal-Kontijiet Nazzjonali billi jibbilanċja l-provvista ta' oġġetti u servizzi mal-użu tagħhom fi prodotti u industriji, u b'hekk itejjeb il-koerenza tal-aggregati makroekonomiċi ewlenin.
- L-inkorporazzjoni parzjali tar-riżultati mill-istħarriġ tal-Istatistika Strutturali tan-Negozju (SBS) tal-2024 għal attivitajiet ekonomiċi magħżula. L-SBS jagħti tagħrif fid-dettall dwar l-istruttura u l-ħidma tan-negozju, inklużi l-impjiegi, il-fatturat, in-nefqa, il-valur miżjud gross u l-investiment.
- L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-verifika tar-riżorsi proprji tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) u tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP), li jiżguraw li l-ħtiġijiet statistiċi Ewropej jibqgħu rrispettati.
- L-integrazzjoni tal-aħħar sorsi ta' data amministrattiva, it-titjib tal-kwalità, il-kompletezza u l-kopertura tal-istimi.
- Titjib fil-metodoloġija użata biex ikun ikkompilat id-deflatur tas-Servizzi ta' Intermedjazzjoni Finanzjarja Mkejla Indirettament (FISIM), li jwassal f'kejl tal-volum aktar koerenti tal-attivitajiet ekonomiċi.

Ir-reviżjoni tal-IEFT tkopri d-data mis-sena ta' riferenza 2017 'il quddiem u hija maħsuba biex tkompli ttejjeb il-konsistenza bejn l-istatistika tal-Bilanċ tal-Pagamenti u l-Kontijiet Nazzjonali.